A.L. 31 ta' l-1989

KODIĊI KRIMINALI (KAP. 9)

Regolamenti ta' l-1989 dwar il-Ħlas tal-Ġurati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 616 tal-Kodiċi Kriminali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 dwar il-Ħlas tal-Ġurati. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1989.

2. F'dawn ir-regolamenti, Tifsir.

"ġurat" tfisser persuna li tinħalef bħala ġurat skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali;

"Reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kemm jista' jkun malajr hekk kif tintemm kull kawża li fiha jkun hemm il-ġurati, ġurat għandu jitħallas mir-Reġistratur ħlas ta' Lm7 għal kull jum'illi dik il-persuna tkun serviet bħala ġurat: Ħlas tal-Ġurati.

Iżda ebda ħlas bħal dak imsemmi ma għandu jitħallas għal xi jum li fih ma kienx hemm seduta tal-Qorti u l-ġurati kienu eżentati mill-Qorti milli jattendu dakinhar.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma għandu jkun dovut ebda ħlas kif provdut b'dawn ir-regolamenti lil ġurat għall-ewwel tliet ijiem f'kull xahar li fih ikun serva ta' ġurat. Anqas ma għandu jkun dovut ħlas bħal dak lil persuna li tkun baqgħet tirċievi xi salarju jew paga mill-impieg tagħha għal dak iż-żmien li tkun serviet ta' ġurat.